**Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta)**

**Maġistrat Dr Simone Grech LL.D.**

**Seduta tal-10 ta' Ottubru 2019**

**Rikors Nru; 54/18SG**

**Maria Carmela sive Mary Stoner**

**Vs**

**Emanuel sive Leli Azzopardi u Doris Azzopardi**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviż li permezz tiegħu, ir-rikorrenti talbet lil din il-Qorti sabiex tordna lill-intimati jħallsuha s-somma komplessiva ta' għaxart elef u ħmistax-il Ewro u għoxrin ċenteżmu (EUR 10,015.20) li jikkonsistu f' erbat elef sitt mija u tmenin Ewro (EUR 4,680) f' self oriġinali li l-attriċi tat lill- konvenuti permezz ta' skrittura privata ffirmata fl-ewwel (1) ta' Marzu tas-sena elf, disa' mija u disa' u disgħin (1999), liema skrittura ġiet annessa u mmarkata Dok A. Ġie premess li din is-somma kellha titħallas fi żmien tlett (3) snin u mhux aktar tard mill-ewwel (1) ta' Marzu tas-sena 2002 flimkien ma' l-imgħax ta' sitta fil-mija (6%) skont ma tistipula l-istess skrittura. Ġie premess li l-konvenut Emanuel sive Leli Azzopardi kien iffirma f' ismu personali u f' isem martu Doris u dan wara li kien ippreżenta l-prokura lin-Nutar Margaret Heywood. Ġie premess li l-interessi ta' sitta fil-mija (6%) fuq l-ammont misluf u ċioe' elfejn lira Maltija (EUR 4,680) jġibu EUR 280 fis-sena li għal dsatax-il sena (19) mill-1999 sa llum jlaħħqu s-somma ta' EUR 5,335.20.

Ir-rikorrenti sostniet fit-22 ta' April tas-sena 2013 hija ppreżentat ittra uffiċjali taħt l-Artikolu 166A tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta sabiex Emanuel Azzopardi jħallas imma l-konvenut Emmanuel wieġeb permezz ta' nota fl-atti tal-l-ittra uffiċjali li l-ammont ma hux wieħed ċert, likwidu u dovut u li l-azzjoni hija waħda preskritta. Kien għalhekk li kellha ssir din il-kawża sabiex l-attriċi tirkupra s-somma mislufa bl-imgħax mis-sena 1999 sa llum.

Rat ir-risposta ta' Emanuel sive Leli Azzopardi tal-4 ta' April 2018 fejn espona bir-rispett:

> "*1. Illi in linea preliminari, l-azzjoni talvolta spettanti lir-rikorrenti għall-ħlas tal-flus mislufa lill-eċċipient iddekadiet bil-preskrizzjoni kwinkwennali ai termini tal-artikolu 2156(e) tal-Kodiċi Ċivili, Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta stante li l-kreditu ma jirriżultax minn att pubbliku.*
> *2. Illi ukoll, preliminarjament l-azzjoni talvolta spettanti lir-rikorrenti għall-ħlas tal-imgħaxxijiet li talvolta ddekorrew fuq il-kapital misluf lill-eċċipient iddekadiet bil-preskrizzjoni kwinkwennali ai termini tal-artikolu 2156(d) tal-Kodiċi Ċivili, Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta.*
> *3. Illi ukoll in via preliminari, iżda mingħajr preġudizzju għal premess, l-iskrittura privata in kwistjoni hija per konsegwenza nulla u bla effett ai fini u effetti kollha tal-liġi stante wieħed mir-rekwiżiti ad validatatem tal-iskrittura privata huwa nieqes.*
> *4. Illi mingħajr preġudizzju għal premess, iżda subordinatament fil-mertu, it-talba rikorrenti hija nfondata fil-fatt u fid-dritt u għandha tiġi miċħuda bl-ispejjeż għaliex l-intimat mhuwiex debitur tar-rikorrenti kif ser jirriżulta fil-mori ta' dawn il-proċeduri.*
> *5. Illi t-talbiet rikorrenti għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż kontra l-istess rikorrenti in kwantu infondati fil-fatt u fid-dritt kif ser jiġi pprovat fil-mori ta' dawn il-proċeduri.*"

Rat ir-risposta ta' l-intimata Doris Azzopardi tal-25 ta' Ġunju 2018 fejn eċċepiet :

> "*1. Preliminarjament, it-talbiet ta' l-attriċi Maria Carmela Stoner huma preskritti fit-termini ta' l-Artikolu 2156 tal-Kodiċi Ċivili stante li l-iskrittura privata msemmija fl-Avviż hija datata 1999 u għalhekk kull pretensjoni hija preskritta.*

*2. Illi subordinatament u mingħajr preġudizzju għall-eċċezzjoni preliminari, it-talbiet ta' l-attriċi Maria Carmela Stoner huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u dan peress li l-intimat Emanuel Azzopardi għamel użu minn prokura falza miksuba b' qerq. Tant hu hekk illi permezz ta' ittra uffiċjali l-eċċipjenti Doris Azzopardi kienet interpellat lil żewgha Emanuel Azzopardi biex ma jagħmilx użu minn din il-prokura illegalment.*
*3. Illi subordinatament u mingħajr preġudizzju, skont id-disposizzjonijiet tal-Kodiċi Ċivili, fil-każ ta' self ta' flus, l-interessi ma jistgħu qatt jeċċedu l-kapital.*
*Għalhekk it-talbiet attriċi għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż kontra l-attriċi. Salv eċċezzjonijiet oħra."*

Semħget ix-xhieda prodotti fir-rigward tal-l-eċċezzjonijiet ta' preskrizzjoni mqajjma mill-konvenuti.

Rat id-dokumenti eżebiti.

Semgħet sottomissjonijiet dwar l-eċċezzjonijiet ta' preskrizzjoni.

Rat li din il-kawża ġiet differita sabiex tingħata sentenza dwar l-eċċezzjonijiet ta' preskrizzjoni mqajjma mill-konvenuti.

Rat l-atti kollha inkluża n-nota ta' sottomissjonijiet ippreżentata mir-rikorrenti.

**Ikkunsidrat:**

**Eċċezzjoni mressqa minn Doris Azzopardi**

L-intimata Doris Azzopardi eċċepiet illi l-azzjoni attriċi hija preskritta fit-termini tal-Artikolu 2156 tal-Kodiċi Ċivili.

L-Artikolu 2156 tal-Kodiċi Ċivili jistipola li:

*"L-azzjonijiet hawn taħt imsemmija jaqgħu bi preskrizzjoni bl-egħluq ta' ħames snin:*
*(a) l-azzjonijiet għal annati ta' ċnus, ta' renti perpetwi jewta' vitalizji, ta' mgħaxijiet ta' ċnus bollali li tnisslu qabel l-14 ta' Awissu, 1862 u għall-ħlas tal-lawdemji dovuti fl-obbligazzjoni ta' bejgħ jew trasferimentieħor ta' fondi enfitewtiċi;*

*(b) l-azzjonijiet għall-ħlas ta' pensjoni għall-manteniment;*
*(ċ) l-azzjonijiet għall-ħlas ta' kera ta' bini jew ta' raba';*
*(d) l-azzjonijiet għall-ħlas ta' mgħaxijiet ta' somom meħuda b'self jew taħt titolu ieħor, u, in ġenerali, ta' dak kollu li jitħallas bis-sena jew kull tant żmien ieħor aqsar minn sena;*
*(e) l-azzjonijiet għar-radd ta' flus mogħtija b'self, jekk is-self ma jirriżultax minn att pubbliku;*
*(f) l-azzjonijiet għall-ħlas ta' kull kreditu ieħor li ġej minn operazzjonijiet kummerċjali jew minn ħwejjeġoħra, meta l-kreditu ma jkunx jaqa', skont din il-liġijew liġijiet oħra, taħt preskrizzjoni aqsar, jew ma jkunx jirriżulta minn att pubbliku;*
*(g) salv kif provdut f'xi liġi speċjali, l-azzjonijiet tal-Gvernta' Malta, għall-ħlas ta' drittijiet ġudizzjarji, dazji jewtaxxi oħra:*
*Iżda l-preskrizzjoni dwar l-azzjonijiet imsemmija fil-paragrafi (a) u (ċ), meta tali ħlasijiet ikunu dovuti lill-Gvern ta'Malta, tagħlaq bl-għeluq ta' għaxar snin."*

L-intimata fl-ebda ħin ma indikat għal liema ittra mill-Artikolu 2156 tal-Kodiċi Ċivili kienet qed titlob li jiġi applikat.

Huwa prinċipju affermat fil-ġurisprudenza nostrana illi Qorti ma tistax *di sua spontania volonta* tindika hija l-Artikolu tal-liġi applikabbli.

Il-Qorti tal--Appell fis-sentenza tagħha tat-22 ta` Ġunju, 2005 fl-ismijiet **Joseph Gauci vs Saviour Farrugia** spjegat li :

*"Minn din is-sentenza appella l-konvenut bl-aggravju li t-Tribunal iddecieda malament il-punt legali relattiv ghall-eccezzjoni tal-preskrizzjoni minnu sollevata. Huwa jissottometti illi l-Kodici Civili mkien ma jimponi illi meta tigi eccepita preskrizzjoni ghandu jigi ndikat specifikament kemm l-artikolu kif ukoll is-subartikolu. F` kull kaz issa in sede appell huwa jippreciza li l-artikolu tal-preskrizzjoni minnu mahsub kien is-subinciz (c) ta` l-Artikolu 2149 minnu citat; Riferibilment ghall-gravam imqanqal fir-rikors ta` l-appell mill-konvenut, jibda biex jigi osservat illi skond l-Artikolu 2111 Kodici Civili "il-qorti ma tistax ex officio taghti effett ghall-preskrizzjoni jekk din ma tigix eccepita mill-parti*

*interessata". Dan l-artikolu huwa car bizzejjed u l-interpretazzjoni dwaru hi din. Il-gudikant ma jistax jirricerka d` ufficio il-fatti kostituttivi ta` eccezzjoni rizervata mil-ligi lill-partijiet. Hekk ukoll lanqas jista` l-gudikant jassumi d` ufficio tali fatti fid-decizjoni tieghu ghall-fini li jiddikjara l-preskrizzjoni ta` l-azzjoni jekk din ma tkunx giet espressament dedotta; Kif deciz, "peress li din hi preskrizzjoni invokata millappellant il-Qorti ma tistax tezamina jekk hijiex applikabbli xi disposizzjoni ohra f` materja ta` preskrizzjoni ghaliex gie dejjem stabbilit fil-gurisprudenza u del resto huwa konsentaneu ghar-raguni u ghall-ispirtu fundamentali fil-materja ta` preskrizzjoni, illi dik ghandi tigi nvokata mill-parti, u ma tistax il-Qorti tara u tezamina jekk hemmx xi preskizzjoni li tista` tkun opponibbli peress illi hija materja kollha ta` kuxjenza" – Kollez. Vol. XXXIII P I p 481; Irid jinghad ukoll illi l-proposizzjoni generika ta` l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni mill-parti nteressata ma tawtorizzax lill-gudikant biex jindividwa hu t-tip talpreskrizzjoni li tghodd ghall-kaz. Dan ghaliex huwa l-parti li ghandu l-oneru jaghzel liema wahda mill-varji ipotesijiet prezunti mil-ligi hi applikabbli. Fin-nuqqas ta` indikazzjoni specifika l-eccezzjoni nnifisha ma tistax hlief tigi dikjarata inammissibbli. A propozitu anke f` dan il-kuntest gie deciz illi "l-eccepita preskrizzjoni bjennali mhix indikata b` mod sufficjentement car u specifiku in kwantu l-Artikolu 2254 (illum 2149) f` ben hames incizi distinti jiprospetta lpreskrizzjoni ta` azzjonijiet ghal kollox differenti wahda mill-ohra" – "Joseph Grech -vs- Emanuele Camilleri et", Appell Kummercjali, 21 ta` Marzu 1977; Minn dan kollu jitnissel illi fl-assenza ta` indikazzjoni cara u specifika tal-preskrizzjoni, il-gudikant ma jistax jiehu inizzjattiva biex jissupplixxi hu ghan-nuqqas tal-parti. In bazi ghall-konsiderazzjonijiet suddetti r-ragjonament tat-Tribunal ma jistax jitqies censurabbli. Konsegwentement, l-aggravju sollevat qed jigi michud."*

Din il-Qorti kif diversament ippreseudta fis-sentenza tagħha tal-10 ta` Lulju, 2003 fl-ismijiet **Henry P. Cole vs Salvatore sive Sammy Murgo** spjegat li "*l-ewwel eccezzjoni, rigwardanti l-preskrizzjoni, ma tista qatt tigi akkolta, peress li l-konvenut naqas li jindika l-artikolu tal-ligi li fuqu huwa qed jibbaza din l-istess eccezzjoni tieghu.*" Fl-istess sens fis-sentenza tagħha hekk kif diversament ippreseduta mogħtija fit-3 ta` Ottubru, 2003 fl-ismijiet **Margaret Camilleri,**

**Caroline Ebejer u Monica Gatt vs The Cargo Handling Co Ltd** ġie spjegat li :

> *"Kwantu ghall-eccezzjoni tal-preskrizzjoni huwa principju assodat fil-gurisprudenza illi l-Qorti ma tistax ex officio taghti effett ghall-preskrizzjoni jekk din ma tigix eccepita mill-parti intressata f` forma specifika. Ara decizjonijiet a Vol. XXXIII P I p 481 u Vol. XLI P I p 178, Effettivament is-socjeta` konvenuta ma specifikat l-ebda artikolu tal-ligi li jghodd ghal kaz, kif hekk irid l-Artikolu 2111 tal-Kodici Civili."*

Għaldaqstant, kif ritenut mill-Qrati tagħna min jeċepixxi l-preskrizzjoni irid jindika l-Artikolu tal-liġi li fuqu jkun qed jibbaża dik l-eċċezzjoni.

F' dan il-każ ma kienx speċifikat liema preskrizzjoni kienet qed tiġi nvokata. In fatti ma ġiex indikat liema sub-artikolu ta' dan l-Artikolu kien qed jiġi nvokat. Ġialadarba, dan ma sarx, il-Qorti ma tistax tikkonsidraha u dan għaliex altrimenti l-Qorti tkun qed tissupplixxi għall-parti eċċipjenti f'materja odjuża li fiha ma tistax tieħu inizjattiva.

L-obbligi ta' min jagħti eċċezzjoni ta' preskrizzjoni huma ċari kemm fil-Kodiċi Ċivili u kemm fil-ġurisprudenza estensiva li jistabbilixxu li min jagħti din l-eċċezzjoni, irid jindika l-Artikoli tal-liġi b'mod preċiż, jipprova ż-żmien minn meta tibda tiddekorri l-preskrizzjoni u, f'każ ta' dubju, l-ġudikant irid jiċħad l-eċċezzjoni.

Għal dawn il-motivi, din l-eċċezzjoni mressqa mill-intimata Doris Azzopardi sejra tiġi miċħuda.

<u>**Eċċezzjonijiet imressqa minn Emmanuel sive Leli Azzopardi**</u>

L-intimat Emmanuel sive Leli Azzopardi eċċepixxa illi in linea preliminari, l-azzjoni attriċi fir-rigward tal-ħlas tal-flus mislufa ddekadiet bil-preskrizzjoni kwinkwennali ai termini ta' l-Artikolu 2156(e) tal-Kodiċi Ċivili stante li l-kreditu ma jirriżultax minn att pubbliku.

L-intimat Emmanuel sive Leli Azzopardi eċċepixxa wkoll li l-azzjoni attriċi fir-rigward il-ħlas tal-imgħaxxijiet li talvolta ddekorrew fuq il-kapital misluf iddekadiet bil-preskrizzjoni kwinkwennali ai termini tal-Artikolu 2156(d) tal-Kodiċi Ċivili.

Fit-trattazzjoni orali u anke fin-nota ta' sottomissjonijiet tagħha l-attriċi sostniet li dawn l-eċċezzjonijiet għandhom jiġu miċħuda in vista tal-emendi introdotti mill-Att I tas-sena 2017 stante li min jeċċepixxi preskrizzjoni għandu jimxi b' mod strett mal-Artikolu 2160 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta u fin-nuqqas ma jistax jibbenifika mill-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni.

**Ikkunsidrat:**

Din il-Qorti tqies li flimkien malArtikoli 2156(e) u (d) tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta għandu jiġi allaċċat l-Artikolu 2160 tal-Kap 16 liema Artikolu ġie ntrodott bl-Att numru I tal-2017 liema att daħal fis-seħħ fit-tlettax (13) ta' Jannar 2017.

Mhuwiex biżżejjed li jiġi ppruvat id-dekors ta' ħames snin, iżda sabiex l-eċċezzjoni talintimat tiġi milqugħa, għandhom jiġu sodisfatti l-elementi kontenuti fl-Artikolu 2160 tal-Kap 16 li jaqra:

> *"(1) Il-preskrizzjonijiet imsemmija fl-artikoli 2147, 2148,2149, 2156 u 2157, m'għandhomx effett jekk il-partijiet li jeċċepuhom, ma jagħtux ġurament minn jeddhom waqt il-kawża li mhumiex debituri, jew li ma jiftakrux jekk il-ħaġa ġietx imħallsa.*
> *(2) Jekk il-ġurament jingħata mill-werrieta tal-persuna li tagħha l-attur jippretendi li kien kreditur, jew minn oħrajn li l-jeddijiet tagħhom ġejjin mingħand dik il-persuna, il-preskrizzjonijiet fuq imsemmija ma jkollhomx effett jekk huma majistqarrux li ma jafux li l-ħaġa għandha tingħata.*
> *(3) Fil-proċeduri għall-ġbir ta' debiti li għalihom hemm referenza fil-proviso għall-artikolu 2156, meta parti tagħtiġurament li hija mhijiex debitur, din trid tagħti raġunijiet għaliexqed tqis lilha nnifisha li mhijiex debitur."*

Sentenza interessanti f' dan ir-rigward hija dik mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Ġurisdizzjoni Superjuri Sezzjoni Ġenerali fis-16 ta' April 2019 (Rikors numru 162/2017/1JVC) fl-ismijiet fl-atti tal-ittra uffiċjali numru 162/2017 datata 28 ta' Marzu 2017 **Automated Revenue Management Services Limited vs Kunsill Lokali Rabat**. Fiha intqal:

*"F'dan ir-rigward ta' rilevanza hija s-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell (Inferjuri) fl-ismijiet Bottega Del Marmista Ltd -vs- Paul Mifsud et deciza mill-Imhallef Anthony Ellul fis-sitta u ghoxrin (26) ta' Jannar elfejn u tmintax (2018) fejn inghad:*
*'... Imbaghad fis-seduta tal-25 ta' Jannar, 2017 il-konvenuti xehdu li m'ghandhomx jaghtu lis-socjeta attrici (fol. 38 u 39). Pero' dan ma kienx kaz fejn il-konvenuti nghataw il-gurament decizorju izda fejn huma xehdu minn jeddhom. Ghalhekk ma jistghux jigu applikati l-principji tal-gurament decizorju. Il-qorti zzid li bl-Att 1 tal-2017, li dahal fis-sehh fit-13 ta' Jannar, 2017, saret emenda kardinali fl-Artikolu 2160 tal-Kodici Civili. Qabel dakinhar id-disposizzjoni kienet tikkontempla l-possibilta lill-attur li jaghti l-gurament decizorju lill-konvenut:*

*'Il-preskrizzjonijiet imsemmija fl-artikoli 2147, 2148, 2149, 2156 u 2157 m'ghandhomx effett jekk il-partijiet li jeccepuhom, meta jinghata lilhom il-gurament, ma jistqarrux li mhumiex debituri, jew li ma jiftakarx jekk il-haga gietx imhallsa'.*

*Bl-emenda li saret bl-Att 1 tal-2017 il-legislatur impona fuq ilkonvenut l-obbligu li jiehu l-gurament u fin-nuqqas il-konvenut ma jkunx jista' jiehu beneficcju mill-preskrizzjonijiet qosra. Ovvjament, il-konsegwenzi legali li zviluppaw mill-gurisprudenza dwar il-gurament decizorju li ssemmew mill-ewwel qorti f'pagni 19 u 20 tas-sentenza, kienu japplikaw f'xenarju partikolari cjoe' meta l-attur jaghti l-gurament lill-konvenut. Fil-kaz in ezami l-konvenuti xehdu minn jeddhom. 'Il fatt li hi l-ligi li timponi fuq il-konvenut li jixhed biex ikun jista' jinvoka l-preskrizzjonijiet qosra, ma jbiddel xejn. Ghaldaqstant, illum irrispettivament x'jixhed il-konvenut minn jeddu meta jiehu l-gurament kontemplat fl-artikolu 2160 tal-Kodici Civili, l-attur ghandu kull dritt li jaghti prova li kien hemm interruzzjoni jew rinunzja ghall-preskrizzjoni. Din kienet wara kollox ukoll il-posizzjoni qabel l-emenda tal-artikolu 2160 tal-Kodici Civili meta l-konvenut kien jaghzel li jixhed minn jeddu.'*

*Qabel l-introduzzjoni tal-emendi l-posizzjoni kienet differenti fejn:*

*'... Jekk l-attur jaghzel il-mezz tal-gurament, u l-konvenut ikun halef skont il-ligi, l-attur ma jkunx jista' jaghzel mezz iehor, billi meta l-kreditur jitlob li jinghata lid-debitur il-gurament, dan ifisser li hu qieghed jirritjieni bhala ammissibli l-preskrizzjoni eccepita u li ma kienx hemm sospensjoni jew interruzzjoni taghha, u li jrid jipprova l-mezz estrem tad-dilazzjoni tal-gurament. B'dan il-mezz huwa jkun qieghed jirrimetti ruhu fil-kuxjenza tad-debitur.' (Vincenza Vella -vs- Carmela armla Sciberras', Prim Awla, Qorti Civili deciza nhar is-16 ta'*
*Jannar 1963).*

*Illi ghalhekk il-pozizzjoni tad-debitur illum inbidlet radikalment stante li issa l-posizzjoni tieghu fl-eccezzjoni tal-preskrizzjoni saret wahda attiva u dana fis-sens li huwa l-konvenut innifsu li minn jeddu u bil-gurament tieghu waqt il-kawza ghandu jikkonferma li ma huwiex debitur. Fis-sentenza P & S (C-4860) et -vs- Noel Zammit et deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili nhar is-sittax (16) ta' Frar elfejn u tmintax (2018) gew ezaminati fil-fond l-effetti tal-emendi fuq l-Artikolu 2160 u hekk inghad:*

*'...Li forsi ma fehmx il-Konvenut hu, li l-eccezzjoni taht artiklu 2156(f) u (d) tal-Kodici Civili ma tirnexxix ghas-semplici raguni li jkunu ghaddew hames snin. It-terminu msemmi fir-rigward talartikli 2156(d)u (f) tal-Kodici Civili huwa biss wiehed u mhux l-uniku ingredjent biex tirnexxi din id-difiza. Dak li jiddisponi dan lartiklu jrid ikun abbinat mal-ingredjent l-iehor kumulattiv ta' natura procedurali, li jikkommina l-artiklu 2160 (1) tal-Kodici Civili.*

*20. Dan l-artiklu jistabilixxi, li min irid jipprevalixxi ruhu mill-beneficcju ta' preskrizzjoni partikulari ossia brevi, ghandu (i) jixhed minn jeddu u (2) jaghti l-gurament waqt il-Kawza li ma hux debitur. L-anqas ma jista' jghid li ma jiftakarx li l-haga giet imhallsa, ghaliex dan ix-xorta ta' gurament huwa riservat ghall-eredi tad-debitur tant li fit-test tal-ligi l-kliem uzat huwa "ma jiftakrux" (ara Decizjoni fl-ismijiet Vincenzo Cauchi -vs- Giovanni Scerri tal-Qorti tal-Kummerc, 28 ta' Ottubru 1955).*

*21. Minkejja t-tibdil fil-ligi kif fuq inghad, dawn iz-zewg formuli ta' gurament xorta baqghu sagramentali, u kull*

*devjazzjoni minnhom ma tiswiex ai fini ta' dawn ix-xorta ta' eccezzjonijiet. Li tghid li d-dejn huwa preskritt, minghajr ma tuza t-test li trid il-ligi, ma jiswiex biex tirnexxi din ix-xorta ta' eccezzjoni. Ma hux kompitu tal-Konvenut li jasal ghall-konkluzjonijiet legali. Il-kompitu tieghu hu li jimxi skont dak li jitlob l-artiklu msemmi. ...'"*

Illi bħala xhieda tressqet biss ir-rikorrenti Maria Carmela Stoner fis-seduta tal-20 ta' Novembru 2018. Ħadd mill-intimati ma tressaq biex jixhed. Minn imkien ma jirriżulta li l-intimati jew min minnhom xehdu li huma jew min minnhom ma għandhomx jagħtu flus lill-attriċi jew li ma jiftakrux li l-ammont indikat ġie mħallas.

Għalhekk ma tirriżultax id-dikjarazzjoni bil-ġurament kif trid il-liġi li l-ammont mhux dovut jew li ma jiftakrux jekk dawn tħallsux.

Għaldaqstant in vista ta' dak kollu suespost din il-Qorti ma tqisx li l-eċċezzjoni tal-konvenut dwar il-preskrizzjoni ai termini tal-Artikolu 2156(d) u (e) tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta tista' legalment tirnexxi u ser tgħaddi sabiex tiċħad l-istess.

**Deċide**

Għal dawn il-motivi, din l-Onorabbli Qorti qiegħda tiċħad l-ewwel eċċezzjoni tal-intimata Doris Azzopardi kif ukoll qiegħda tiċħad l-ewwel u t-tieni eċċezzjoni tal-intimat Emmanuel sive Leli Azzopardi. Spejjeż ta' din is-sentenza għandhom jiġu sopportati interament mill-intimati.

Maġistrat Simone Grech